# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 9**

**Rikors numru 37/2016/2 JVC**

**Joseph Portelli; Emanuel Portelli;**
**Victor Portelli; Alfred Cordina;**
**Anthony Portelli; Saviour Portelli;**
**Benigno *sive* Benny Vella; John Vella;**
**Kitty Formosa; Joyce Portelli**

**v.**

**L-Avukat Dr Joseph Grech li b'digriet tas-7 ta' April 2015 ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti tal-mejta Elisa Portelli, xebba, bint il-mejtin Ġużeppi Portelli u Maria nèe Xerri, imwielda u residenti Xewkija, Għawdex, u li mietet fis-16 ta' Settembru 2014;**

**u**

**b'digriet tat-12 ta' Lulju 2016 ġew kjamati fil-kawża Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana**

**PRELIMINARI:**

1. Dan il-każ jirrigwarda l-wirt ta' Elisa Portelli, xebba, li mietet fis-16 ta' Settembru 2014 u li permezz tat-testmenti tagħha innominat bħala eredi universali tagħha dawk in-neputijiet tagħha (ulied ħutha) li jkunu rrendewlha serviġi għal żmien ta' mhux anqas minn tliet snin.

2. L-atturi f'din il-kawża huma lkoll neputijiet ta' Elisa Portelli (ħlief għal Alfred Cordina li huwa l-armel ta' Mary Jane, ukoll neputija ta' Elisa Portelli).

3. Jiġi spjegat li fl-14 ta' Lulju 2015 Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana (li ġew kjamati f'din il-kawża, u li huma wkoll neputijiet ta' Elisa Portelli) kienu fetħu l-kawża **Mary Jane Attard et vs Dr Joseph Grech nomine – Rik. Nru. 30/2015** kontra l-eredità ġjaċenti ta' zijithom u wkoll oħthom Catherine Formosa għaliex isostnu li effettivament kienu huma kif ukoll oħthom l-oħra (il-konvenuta Catherine Formosa, li però ma riditx tingħaqad magħhom f'tali kawża) li kienu l-persuni li rrendew is-serviġi, kuri u assistenzi lil zijithom Elisa Portelli skont il-kriterji stabbiliti fit-testmenti tagħha; għalhekk talbu lill-Qorti:

(1) "tiddikjara li huma flimkien ma' oħthom il-konvenuta kienu l-persuni li rrendew is-serviġi, kuri u assistenzi skont il-kriterji stabbiliti fit-testmenti tagħha u li għalhekk huma biss jikkwalifikaw bħala l-eredi universali tagħha;

(2) konsegwentement tiddikjarahom, flimkien ma' oħthom il-konvenuta, bħala l-eredi universali tagħha;

(3) fin-nuqqas tal-akkoljiment tal-ewwel żewġ talbiet tiddikjara li huma, flimkien ma' oħthom, irrendew serviġi, kuri u assistenzi lil zijithom Elisa Portelli;

(4) u tillikwwida l-ammont dovut bħala ħlas tal-imsemmija seriviġi, kuri u assistenzi."

4. Fid-<u>9 ta' Frar 2016</u> Benigno *sive* Benny Vella kien ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* f'tali kawża 30/2015.

5. Imbagħad fis-<u>27 ta' Ġunju 2016</u>, Benigno *sive* Benny Vella (intervenut fil-kawża 30/2015), Catherine (Kitty) Formosa (konvenuta fil-kawża 30/2015) u diversi persuni oħra, ilkoll neputijiet ta' Elisa Portelli, inkluż l-armel ta' waħda min-neputijiet, **intavolaw din il-kawza odjerna 37/2016** kontra l-wirt ġjaċenti ta' zijithom Elisa Portelli fejn talbu:

(i) li jiġi dikjarat li ħadd min-neputijiet ta' Elisa Portelli ma rrendielha serviġi, kuri u assistenzi għal tliet snin għaliex kienet kapaċi tagħmel kollox waħeda, u kienu ħafna n-neputijiet li kienu jżuruha u jgħinuha f'dak li jkollha bżonn;

(ii) biex konsegwentement huma, bħala neputijiet ta' Elisa

Portelli, jiġu dikjarati bħala eredi universali tagħha;

(iii) sussidjarjament, fin-nuqqas, jiġi likwidat l-ammont dovut lilhom *in linea* ta' serviġi, kuri u assistenzi reżi minnhom.

6. Fl-20 ta' Mejju 2016 l-Ewwel Qorti ordnat li l-kawża odjerna (37/2016) u dik bin-numru 30/2015 jinstemgħu flimkien *stante* li l-mertu fiż-żewġ kawżi jirrigwarda l-eredità ta' Elisa Portelli. (Fl-atti taż-żewġ kawżi ġie wkoll maqbul li l-provi miġbura f'waħda kellhom jgħoddu wkoll għall-kawża l-oħra u *vice versa*.)

7. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Novembru 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet il-kawża 30/2015 fejn laqgħet l-ewwel żewġ talbiet attriċi u ordnat li l-ispejjeż kollha kellhom jiġu sopportati mill-eredità intimata għajr għall-ispejjeż tal-intervenut, fejn ordnat li kellhom jiġu sopportati minnu. Fl-istess ġurnata ddeċidiet ukoll din il-kawża odjerna, fejn *in vista* tal-konklużjonijiet raġġunti fil-kawża 30/2015, sabet li l-ewwel talba attriċi mhix fattwalment ġustifikata u għalhekk ċaħditha flimkien mat-tieni talba attriċi li hija sussidjarja għall-ewwel waħda, u ċaħdet ukoll it-tielet talba attriċi peress li ma rriżultatx pruvata; dan però salv u mingħajr preġudizzju għal dak li ddeċidiet favur Catherine *sive* Kitty Formosa fil-kawża l-oħra 30/2015, bl-ispejjeż kontra l-atturi kollha bl-esklużjoni tal-istess Catherine

Formosa fejn ordnat li dawn kellhom jiġu sopportati mill-eredità intimata).

8. Fit-3 ta' Diċembru 2018 l-atturi kollha (ħlief għall-attriċi Kitty Formosa) ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni rigwardanti din il-kawża odjerna u għalhekk interponew appell quddiem din il-Qorti tal-Appell fejn talbuha tħassar is-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet attriċi. (Fl-istess ġurnata Benigno *sive* Benny Vella, l-intervenut fil-kawża l-oħra 30/2015, ukoll interpona appell quddiem din il-Qorti mis-sentenza mogħtija f'tali kawża 30/2015, liema appell fil-fatt qiegħed jiġi deċiż minn din il-Qorti llum stess).

9. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:

1. Illi fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mietet gewwa Victoria, Ghawdex, Elisa Portelli, bint xebba tal-mejtin Guzeppi Portelli u Maria nee' Xerri, u li kellha karta ta' l-identita' numru 36429(G) u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

2. Illi l-imsemmija Elisa Portelli rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Michael Refalo datati tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) u sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) rispettivament u dawn qed jigu markati u annessi bhala Dok B u Dok C rispettivament;

3. Illi permezz tal-ewwel testment taghha tat-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) l-imsemmija Elisa Portelli halliet xi legati ta' flus u ordnat fost affarijiet ohra fit-Tielet Artikolu tal-imsemmi testment:

*"Salv il-premess tinnomina u tistitwixxi bhala eredi universali tal-beni taghha kollha in generali prezenti u futuri mobbli u mmobbli lil dik jew dak min-nepputijiet taghha u cioe' mit-tfal ta' hutha illi jkun irrendielha servigi, kuri u assistenzi ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet snin u bil-patt u kundizzjoni illi hlief fuq parir mediku u bil-kunsens bil-miktub tal-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat ma jirrikoverahiex f'xi sptar jew ospizju u bil-patt u kundizzjoni ukoll illi f'kaz ta' bzonn izommha mieghu/maghha fid-dar tieghu/taghha.*

*L-istess eredi kif fuq nominat ikun obbligat illi jeroga s-somma necessarja sabiex isir funeral xieraq lit-testatrici u jeroga wkoll is-somma necessarja sabiex ta' kull sena ssir quddiesa anniversarju bl-elemosina korrenti minn zmien ghal zmien ghar-ruh u in suffraggju tat-testatrici.*

*Fil-kaz illi jkun hemm aktar min-nepputi jew nepputija wahda illi jirrendulha tali servigi skont kif fuq allura t-testatrici tinnomina b'eredi universali taghha lill-istess nepputijiet fi kwoti wgwali bejniethom.*

*It-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi jinholoq dubbju rigward il-persuna illi tkun irrenditilha dawn is-servigi, kuri u assistenti, l-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat ghandu fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jaghzel il-persuna jew persuni illi ghandhom jibbenefikaw taht dan it-testment skont il-kriterji illi sejrin jigu stabbiliti hawn taht u cioe' d-durata l-kwalita' tas-servigi resi lit-testratrici.*

*F'kaz illi minhabba mewt hesrem jew f'eta' illi t-testatrici ma jkollha bzonn ebda persuna biex iddur biha jew fil-kaz illi l-istess testatrici minhabba l-marda illi jkollha tigi rikoverata fl-isptar, jew fil-kaz illi ebda wiehed jew wahda min-nepputijiet taghha ma jikkwalifikaw taht il-kriterji stabbilti, il-wirt taghha ghandu jiddevolvi a favur ta' hutha 4 kollha fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom b'dan pero' illi d-dar tal-abitazzjoni taghha fix-Xewkija, Gozo, Triq it-Tinghi numru sbatax (17) ghandu jittiehed b'titolu ta' prelegat mit-tfal ta' ohtha Michelina mart Joseph Vella bl-obbligu illi dawn ihalsu fl-assi taghha l-valur tal-istess dar skont stima ta' Perit Arkitett maghmlula mill-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat.*

*Fl-ahharnett, it-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi - ghalkemm xi nepputijiet taghha jkunu rrendewlha xi servigi, kuri u assistenzi - pero' ma jkunx dam iz-zmien stabbilt f'dan it-testment - tali nepputi/nepputija jew nepputijiet ghandhom jithalsu ghal dawn is-servigi, kuri u assistenzi illi jkunu rrendewlha mill-assi taghha u l-ammont ta' dan il-hlas ghandu jigi stabbilit mill-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat billi jiehu in kunsiderazzjoni d-durata u l-kwalita' tas-servigi resi kif ukoll l-ammont ta' kumpens ta' dawn is-servigi illi jkunu resi."*

4. Illi sussegwentement permezz tat-tieni testment taghha tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) l-imsemmija Elisa Portelli emendat it-Tielet Artikolu tat-testment precedenti taghha billi ddisponiet kif gej:

   *"Taghmel referenza ghat-Tielet Artikolu tal-precitat testment u partikolarment ghall-hames paragrafu tal-istess Artikolu. F'dak il-paragrafu thassar il-kliem kollu li jibda minn 'il-wirt taghha ghandu jiddevolvi" sal-ahhar tal-paragrafu.*

   *Minfloku t-testatrici tissostitwixxi dan li gej:*

   *'il-flus kollha illi t-testatrici jista' jkollha fid-data tal-mewt taghha kemm jekk kontanti kemm jekk depozitati f'xi bank jew istituzzjoni finanzjarja ohra nkluzi wkoll titoli li jirrapprezentaw flus, wara illi jithalsu l-legati u l-prelegati mhollija mit-testatrici, ghandhom jigu percepiti fi kwoti ugwali mit-tmint ahwa tat-testatrici bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom, mentri d-dar numru sbatax (17) fi Triq it-Torri Tinghi, Xewkija, Gozo ghandha tigi precepita bi prelegat mit-tmint itfal ta' ohtha Michelina armla ta' Joseph Vella fi kwoti wgwali bejniethom bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom b'dan pero' illi l-istess prelegatarji jkunu obbligati jhalsu nofs il-valur tal-istess dar skont stima maghmula minn Perit Arkitett maghzul mill-Ezekutur Testamentarju taghha lill-ahwa kollha tat-testatrici (inkluza ohtha Michelina) bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom".*

5. Illi Elisa Portelli sa ftit gimghat qabel giet nieqsa baqghet taghmel kollox hi u ma kien hemm hadd minn hutha jew it-tfal taghhom li kienu qed iduru biha. Infatti Elisa Portelli baqghet tohrog, tnaddaf, issajjar u taghmel dak kollu li jkun hemm bzonn hi stess;

6. Illi kull meta hija kien ikollha xi bzonnijiet zghar dawn kienu jigu resi minn uhud min-neputijiet taghha kif ser jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk hadd min-nepputijiet ma dar b'Elisa Portelli ghal tliet snin shah;

7. Illi l-imsemmija Elisa Portelli kienet innominat bhala Ezekutur Testamentarju lil Bernard Mercieca illi jirrizulta li ma accettax din in-nomina u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti sussegwentament hatret bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eredita' giacenti tal-mejta Elisa Portelli, lill-Avukat Dottor Joseph Grech;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi hadd min-neputijiet ta' Elisa Portelli ma rrendielha kuri, servigi u assistenzi ghal tliet snin u dan peress li hija kienet kapaci

taghmel kollox wahedha u kienu hafna n-nepputijiet li kienu jzuruha u jghinu f'dak li jkollha bzonn.

2. Konsegwentement tiddikjara lill-atturi, bhala nepputijiet ta' Elisa Portelli, bhala eredi universali tal-mejta Elisa Portelli;

3. Sussidjarjament l-atturi jitolbu illi fin-nuqqas tal-akkoljiment tal-ewwel zewg talbiet tiddikjara illi huma wkoll rrendew servigi, kuri u assistenza lill-mejta Elisa Portelli u tillikwida dak l-ammont talvolta dovut lill-atturi bhala hlas ta' serivigi, kuri u assistenzi resi minnu.

Bl-ispejjez kollha.

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' l-avukat Dottor Joseph Grech li kkonferma:

1. Illi huwa gie nominat bhala kuratur permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' April 2015 bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eredita' giacenti tal-mejta Elisa Portelli;

2. Illi preliminarjament ta' min jirrileva illi effettivament dina l-kawza giet intavolata in segwitu ghar-Rikors Guramentat 30/2015 fl-ismijiet Mary Jane Attard et vs Dr Joseph Grech et.

3. Illi preliminarjament ukoll jirrizulta li Kitty Formosa hija wkoll wahda mill-konvenuti fir-Rikors guramentat 30/2015 u ghaldaqstant din il-kawza bhala punt ta' ligi ma hijiex proponibbli da parti taghha.

4. Illi fil-mertu, l-esponenti huwa biss edott minn dawk il-fatti li gabu l-atturi fil-kawza l-ohra ossia dik bin-numru 30/2015 stante illi huwa ghadu ma huwiex edott mill-fatti kollha tal-kaz huwa mhuwiex f'posizzjoni li jissolleva l-eccezzjonijiet skont il-ligi.

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skont il-ligi.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-kjamati in kawza Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana fejn ikkonfermaw:

1. Illi preliminarjament fl-ewwel lok il-gudizzju ma huwiex integru u ghalhekk din il-kawza ma tistax tirnexxi. Dan stante illi, (minghajr pregudizzju ghall-pretensjonijiet ta' l-esponenti li jippretendu l-eredita') jezistu diversi qraba ohra illi fl-eventwalita' li jirnexxu t-talbiet attrici, ikunu ntitolati ghall-eredita' ta' Elisa Portelli. Illi in vista ta' dan it-tieni talba attrici kif impostata ma tistax tintlaqa'.

2. Illi fit-tieni lok Catherine sive Kitty Formosa gia hija parti fil-kawza fuq l-istess mertu pendenti quddiem din il-Qorti bin-numru 30/2015 fejn hi baqghet kontumaci, u kwindi qed jigi eccepit il-lis alibi pendens fil-konfront taghha; fejn fi kwalunkwe kaz ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha.

3. Illi fit-tielet lok huwa kkontestat illi l-atturi (salv ghal Catherine sive Kitty Formosa) xi darba kienu jduru jew irrendew servigi li Elisa Portelli. Uhud minnhom l-anqas biss kienu jkellmuha u ohrajn l-anqas biss qatt riefsu go darha. Ghalhekk dawn ma ghandhom jispettaw l-ebda kumpens kif rikjest fit-tielet talba. U jekk hemm min xi darba ghamel xi pjacir jew facenda izolata din ghandha tkun meqjusa bhala att *familiaris vel pietatis*.

4. Illi fir-raba lok l-unici nies li daru biha u rrendewlha servigi kif rikjest fit-testment ta' Elisa Portelli u anke aktar huma l-esponenti kjamati in kawza u Catherine sive Kitty Formosa.

5. Illi fil-hames lok ghandhom ikunu l-esponenti li jigu dikjarati bhala eredi ta' Elisa Portelli.

6. Illi mill-bqija t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

7. Illi din ir-risposta qed issir mill-kjamati fil-kawza kollha fuq indikati u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Mary Jane Attard li ghandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal datat 20 ta' Mejju, 2016 fejn din il-Qorti ordnat li l-kawza odjerna u dik bin-numru 30/2015 fl-ismijiet Mary Janne Attard vs. Dr. Joseph Grech noe jinstemghu flimkien stante li l-mertu taz-zewg kawzi huwa l-istess u cioe' l-eredita' ta' Elisa Portelli;

Rat illi fl-atti taz-zewg kawzi gie wkoll maqbul li l-provi migbura f'wahda kellhom jaghmlu stat ta' fatt fil-kawza l-ohra u vice versa.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha esebiti fl-atti taz-zewg kawzi;

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Lulju, 2018 iz-zewg kawzi gew differiti ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fi zmien moghti lilhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi z-zewg kawzi in ezami cioe' dik odjerna u dik bin-numru 30/2015 jikkoncernaw l-eredita' ta' Elisa Portelli li mietet fis-sittax (16) ta' Settembru tal-elfejn u erbatax (2014), fl-eta' ta' hamsa u tmenin (85) sena. Elisa Portelli mietet xebba u minghajr tfal. Id-Decujus irregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti, wiehed tat-tlieta ta' Marzu tal-elf, disa' mija u tnejn u disghin (03/03/1992) (esebit a fol. 6 tal-process 30/2015), u l-iehor tas-sebgha ta' Marzu tas-sena elfejn (07/03/2000) (esebit a fol. 10 tal-process 30/2015), it-tnejn fl-atti tanNutar Dottor Michael Refalo. Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet fil-kawzi odjerni jemanu mit-tielet artikolu tat-testment ta' Elisa Portelli tat-3 ta' Marzu tal-1992, kif sussegwentement emendat bit-tielet artikolu tat-testment tas-7 ta' Marzu tas-sena 2000. Meta wiehed jevalwa z-zewg testmenti jirrizulta li dan l-artikolu li fuqu qed jikkunstinjaw il-partijiet sa mis-sena 2000 gie jaqra bil-mod segwenti:

*"Salv il-premess tinnomina u tistitwixxi bhala eredi universali tal-beni taghha kollha in generali prezenti u futuri mobbli u mmobbli lil dik jew dak minn nepputijiet taghha u cioe' mit-tfal ta' hutha illi jkun irrendielha servigi, kuri u assistenzi ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet snin u bil-patt u kondizzjoni illi hlief fuq parir mediku u bil-kunsens bil-miktub tal-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat ma jirrikoverajhiex f'xi sptar jew ospizju u bil-patt u kondizzjoni ukoll illi f'kaz ta' bzonn izommha mieghu/maghha fid-dar tieghu/taghha.*

*L-istess eredi kif fuq nominat ikun obbligat ukoll illi jeroga s-somma necessarja sabiex isir funeral xieraq sabiex ta' kull sena ssir quddiesa anniversarju bl-elemosina korrenti minn zmien ghal zmien ghar-ruh u in suffragju tat-testatrici.*

*Fil-kaz illi jkun hemm aktar minn nepputijiet jew nepputija wahda illi jirrendulha tali servigi, skont kif fuq spjegat allura t-testatrici tinnomina b'eredi universali taghha lill-istess nepputijiet fi kwoti ugwali bejniethom.*

*It-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi jinholoq dubbju rigward il-persuna illi tkun irrenditilha dawn is-servigi, kuri u assistenzi, l-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat ghandu fid-dikjarazzjoni assoluta tieghu jaghzel il-persuna jew persuni illi ghandhom jibbenefikaw taht dan it-testment skont il-kriterji illi sejrin jigu stabbiliti hawn taht, u cioe' id-durata u l-kwalita' tas-servigi rezi lit-testatrici.*

*F'kaz illi minhabba mewt hesrem jew f'eta' illi t-testatrici ma jkollha bzonn ebda persuna biex iddur biha jew fil-kaz illi l-istess testatrici minhabba l-marda illi jkollha tigi rikoverata fl-Isptar, jew fil-kaz illi ebda wiehed jew wahda minn nepputijiet taghha ma' jikkwalifika taht il-kriterji fuq stabbiliti, il-flus kollha illi t-testatrici jista' jkollha fid-data tal-mewt taghha kemm jekk kontanti kemm jekk depozitati f'xi bank jew istituzzjoni finanzjarja ohra nkluzi wkoll titoli li jirrapprezentaw flus, wara illi jithalsu l-legati u prelegati mhollija mit-testatrici, ghandhom jigu percepiti fi kwoti ugwali mit-tmint ahwa tat-testatrici bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi*

*wliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; mentri d-dar numru sbatax (17) Triq Torri Tinghi, Xewkija, Gozo ghandha tigi percepita bi prelegat mit-tmint itfal ta' ohtha Michelina armla ta' Joseph Vella, fi kwoti ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mankanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom b'dan pero' illi l-istess prelegatarji jkunu obbligati jhallsu nofs il-valur tal-istess dar skont stima maghmula minn Perit Arkitett maghzul millEzekutur Testamentarju taghha lill-ahwa kollha tat-testatrici (inkuza ohtha Michelina) bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u in mancanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom."*

*Fl-ahharnett, it-testatrici trid u tordna illi fil-kaz illi ghalkemm xi nepputijiet taghha jkunu rrendulha xi servigi, kuri u assistenzi pero' ma jkunx dam dak iz-zmien stabbilit f'dan it-testment – tali nepputi/nepputija jew nepputijiet ghandhom jithallsu ghal dawk is-serevigi, kuri u assistenzi illi jkunu rrendewlha mill-assi taghha u l-ammont ta' dan il-hlas ghandu jigi stabbilit mill-Ezekutur Testamentarju taghha hawn taht nominat billi jiehu in konsiderazzjoni d-durata u l-kwalita' tas-servigi rezi kif ukoll l-ammont ghall-kumpens ta' dawk is-servigi illi jkunu rezi".*

A fol. 210 tal-process odjern jinsab esebit arblu tar-razza tal-istess Elisa Portelli li jirrizulta li kellha tmint ahwa. Fil-kawza 30/2015 l-atturi Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana huma wlied oht id-decujus u cioe' ulied Michelina Vella. Permezz tal-kawza taghhom huma qed isostnu li flimkien ma' ohthom il-konvenuta Catherine Formosa rendew servigi lill-mejta Elisa Portelli b'dana li ghandhom ikunu huma dikjarati eredi tal-istess Elisa Portelli skont it-testment taghha hawn fuq ikkwotat. Jirrizulta izda li fil-mori tal-kawza huhom Benigno Vella talab li jigi awtorizzat jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* stante li jsostni li anki hu renda servigi lid-decujus. Konsegwentement ghall-kjamat fil-kawza persuni ohra fosthom ahwa ohra tal-atturi bdew isostnu li huma wkoll irrendew servigi jew inkella li l-atturi ma rendewx servigi li jintitolawhom sabiex jirtu lil Elisa Portelli b'dana li fethu kawza f'dak is-sens li hija l-kawza odjerna.

Fil-kawza odjerna jirrizulta li whud mill-ahwa tal-atturi fil-kawza 30/2015 kif ukoll kugini ohra u nkluz armel ta' wahda mill-kugini qed jinsistu li din il-Qorti tiddeciedi li hadd minn neputijiet tad-decujus ma rrenda lil Elisa Porteli dawk il-kuri, servigi u assistenzi li jikwalifikawhom li jirtu ai termini tat-testmenti taghha. Konsegwentement ghalkemm l-atturi fil-kawza odjerna m'humiex in-neputijiet kollha tad-decujus li kieku jirtu ai termini tat-testment, jitolbu li din il-Qorti tiddikjarahom eredi universali taghha. Sussidjarjament u f'kaz li ma jigux milqugha l-ewwel zewg talbiet taghhom isostnu li anki huma rrendew xi servigi li Elisa Portelli u jitolbu li din il-Qorti tillikwida l-hlas tas-servigi. L-atturi fil-kawza odjerna fl-eccezzjonijiet taghhom fil-kawza 37/2016 jibqghu jinsistu li kienu huma li rrendew is-servigi u li jikwalifikaw sabiex jirtu lil Elisa Portelli flimkien ma' ohthom il-konvenuta Catherine Formosa.

Illi ma hemmx dubju li decizjoni fil-kawza bin-numru 30/2015 fejn l-atturi qed jitolbu li jigu dikjarati eredi flimkien ma' ohthom rizultat tas-servigi rezi, tholl u torbot lil din il-Qorti fid-decizjoni taghha fil-kawza odjerna u din kienet ir-raguni li l-Qorti ordnat li l-kawzi jinstemghu u jigu decizi flimkien.

**Mertu:**

Illi wara li l-Qorti rat u semghet kelma b'kelma l-bosta xhieda, affidavits, kontro-ezamijiet u dokumenti esebiti fl-atti hija tista' tislet il-punti segwenti bhala l-aktar fatti saljenti li jirrizultaw fiz-zewg kawzi:

1. Illi wara l-mewt ta' Elisa Portelli kienu l-atturi fil-kawza 30/2015 Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana li ghaddew sabiex ikellmu lill-esekutur testamentarju Bernard Mercieca u talbuh sabiex jiehu decizjoni dwar l-artikolu tlieta tat-testment tad-decujus u cioe' dwar min ghandu jiritha. A fol. 37 gie esebit l-affidavit ta' Bernard Mercieca fejn jispjega li ghall-ewwel huwa prova flimkien man-Nutar Enzo Refalo jasal ghall-ftehim dwar dan il-punt man-nepputijiet tad-decujus fejn sahansitra talab lil kull min kellu xi pretensjoni sabiex jaghmel dikjarazzjoni bil-gurament dwar is-servigi li rrenda lid-decujus. Dawn gew esebiti fl-atti a fol. 39 sa 46 tal-process 30/2015. Nonostante dan kollu jirrizulta li huwa ma setax jasal ghall-ftehim ma' min kien qed iressaq il-pretensjonijiet stante li fi kliemu:

*'Il-bniet qalu li huma kienu jiehdu hsiebha l-iktar, is-subien qalu li huma hadu hsiebha ukoll.'* (ara k'ez a fol. 81 tal-kawza odjerna)

Ghalhekk huwa dderigihom sabiex jitolbu decizjoni mill-Qrati. A fol. 81 tal-kawza odjerna huwa jghid li kienu ilu jaf lil Elisa Potelli mat-tletin sena. Isostni izda li sa minn meta hija kienet kisret saqajha (li jirrizulta li kien fis-sena 2004) huwa kien qata' l-kuntatt minn maghha. A fol. 128 jiddeskrivi l-kundizzjoni taghha minn dak iz-zmien:

*'Le, Le fil-fatt kienet marida, mardet jigifieri, jiena kont smajt min-nies illi kienet mardet kienet kisret anke sieq jidhirli jiena wkoll,'*

Isostni wkoll li kienet mghawga ganc. Sa meta kien ghadu jmur ghandha jsostni a fol. 132 tal-istess process li:

*'Meta kont immur ghandha kienet tghidli "il-bniet jigu.", jew ma tkunx tiflah jew hekk, jew iccempel, u l-iktar li kienet issib kienet wahda toqghod qrib taghha, kienet qrib taghha, jigifieri kienet tghidli illi "meta jkolli bzonn", imma gieli semmietlu wkoll illi s-subien meta kienet tghidilhom ghal xi bzonn ta' xi ghajnuna kienu jmorru wkoll.'*

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li dik li tissemma' bhala li toqghod vicin tad-decujus hija l-attrici odjerna Catherine sive Kitty Formosa (u konvenuta fil-kawza 30/2015) filwaqt li l-bniet huma l-atturi fil-kawza 30/2015. Is-subien imsemmija jigu huthom, uhud minnhom atturi fil-kawza odjerna.

2. Mix-xhieda, affidavits, dikjarazzjonijiet u kontro-ezamijiet estensivi tal-atturi fil-kawza 30/2015 cioe' Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana jirrizulta li fis-sena 2004 Elisa Portelli kienet kisret saqajha u konsegwenza ta' hekk qattghet gimghat l-Isptar ta' Ghawdex u konsegwentement wara ftit xhur iddahlet l-Isptar Malta. Tul dan iz-zmien kienu l-atturi msemmija li hadu hsiebha lejl u nhar fl-isptarijiet kif ukoll zammewha maghhom fid-djar taghhom sakemm xhur wara hija kienet f'posizzjoni li tmur lura f'darha. Il-Qorti taghmel referenza partikolari ghall-affidavits taghhom esebiti fl-atti tal-kawza odjerna a fol. 212 et seq kif ukoll ghall-kontro-ezamijiet imqanqla taghhom fl-atti ta' din il-kawza. Minn dawn l-affidavits tista' tghid johrog id-dettal kollu tal-ghajnuna li dawn it-tliet ahwa taw lid-decujus sal-ahhar gurnata ta' hajjitha flimkien, kif jammettu huma stess ma' ohthom il-konvenuta Catherine Formosa.

Illi fost affarijiet ohra jirrizulta lill-Qorti li Elisa Portelli stess fis-sena 2004 kienet rabtet lil dawn it-tliet ahwa billi esprimiet ix-xewqa maghhom li qatt ma jirrikoverawha f'dar tal-anzjani jew sptar stante li kienet tistmerr dawn il-postijiet. Huma jsostnu li din ix-xewqa tad-decujus poggiet piz kbir fuqhom. Tant hu hekk li jirrizulta lil din il-Qorti li mis-sena 2004 'il quddiem dawn it-tliet ahwa kellhom jissagrifikaw partijiet minn darhom, minn hinhom u mill-hin taghhom ma' uliedhom sabiex jiehdu hsieb lil Elisa Portelli f'kull hin tal-gurnata. Flimkien maghhom, wara li ma baqghetx miksura ma' Elisa Portelli, dan bdiet taghmlu wkoll Catherine Formosa. Ghandu jinghad izda li filwaqt li jirrizulta li d-decujus ghamlet zmien tirrisjedi fid-djar tal-atturi sabiex tirkupra fis-sena 2004, dan qatt ma ghamlitu ma' Catherine Formosa. Minn naha l-ohra stante li Catherine Formosa kienet l-aktar li tghix vicin taghha jidher li bosta mill-qadjiet zghar kien ikollha taghmilhom hi fin-nuqqas tal-atturi.

Illi ghalkemm mill-assjem tal-provi jirrizulta li wara li Elisa Portelli ma baqghetx tirrisjedi mal-atturi u marret id-dar wahedha, hadd ma kien jorqod maghha, dan xejn ma jfisser kif jippruvaw idawruha l-intervenut fil-kawza 30/2015 u l-atturi fil-kawza odjerna li l-ahwa bniet ma kienux jirrendu certu ammont ta' servigi, kuri u assistenzi lil Elisa Portelli. Anzi jirrizulta lil din il-Qorti li bejniethom l-ahwa atturi fil-kawza 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa ghamlu bosta sagrificcji u xoghol sabiex jizguraw li ghalkemm Elisa Portelli thossha li hija baqghet tghix hajja ndipendeni waheda minn naha l-ohra huma ta' kuljum kienu jaghmlu xoghol sabiex jwittulha t-triq sabiex tkun tista' taghmel dan tul is-snin sakemm giet nieqsa fl-2014.

Illi mill-atti jirrizulta li Elisa Portelli kienet wahda fitta ferm fl-indafa tad-dar taghha fosthom li tkun trid iccaqlaq it-televixin u oggetti ohra kbar biex tfarfar, tkun trid tahsel il-hgieg u l-persjani, tiknes il-bejt u affarijiet bhal dawn u dawn l-affarijiet hi ma kellhiex is-sahha taghmilhom anki ghaliex hija ghexet sal-eta ta' hamsa u tmenin sena (85) apparti li kienet mghawwga ganc u timxi bil-bastun. Kienet ukoll tkun trid tattendi ghal zewg quddies kuljum nonostante li kienet timxi mghawwga ganc u

bilbastun w'ghalhekk kien ikollha bzonn li kuljum precett xi hadd iwassalha ghall-quddies u jwassalha lura d-dar. Apparti minn hekk hija kellha bzonn min jixtrilha l-bzonnijiet tal-hasil u tisjir kontinwament stante li ma setghetx tohrog mid-dar jekk mhux bil-karozza ma' xi hadd. Anki sabiex jingabru l-medicini taghha, jithallsu kontijiet u tmur il-banek kien hemm bzonn xi hadd li jaghmel dan ghaliha jew altrimenti li jwassalha. Kull meta kien ikollha bzonn tobba jew tmur xi appuntamenti l-isptar ukoll kienet tiddependi fuq li xi hadd jghinha.

Il-Qorti rat mill-assjem tal-provi li dawn ix-xoghlijiet u qadjiet kollha kienu jsiru bl-ghajnuna kontinwa u mill-atturi fil-kawza 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa. In oltre kull meta nqala' xi haga lil Elisa Portelli bil-lejl hija kienet issib l-ghajnuna ta' xi hadd minn dawn l-erbgha. L-atturi jaghtu deskrizzjoni dettaljatissima tax-xoghol li huma kienu jaghmlu ta' kuljum lil Elisa Portelli sabiex fi kliemhom huma jagevolawha li tkun tista' tibqa' tghix fid-dar taghha skont ix-xewqa taghha, xewqa li fuq kollox hija deskritta u tirrizulta mit-testment taghha. Tista' tghid l-atturi flimkien ma' ohthom Catherine Formosa kienu ghassa ma' zithom erbgha u ghoxrin siegha kuljum sabiex x'hin hi jkollha bzonn xi haga u ccemplilhom jitilqu kollox minn idejhom u jitilqu jaqduha, kif kienet tippretendi hi. L-atturi jsemmu diversi kazijiet fejn hija gieli anki cemplet f'nofs ta' lejl u kellhom imorru hdejha okkazzjonijiet fejn anki waqghet u kaz partikolari fejn wahda minnhom kellha titlaq kollox biex tmur tiehu flixkun inbid lil Elisa Portelli ghaliex heddet li ma kinitx ser tiekol jekk ma tohodulhiex (ara fol. 204 et seq).

Illi ghalkemm jirrizulta li kien hemm zmien fejn kienet tmur helper ghal massimu ta' tliet sieghat fil-gimgha tghin lid-decujus bil-hasil tal-art, minn dak li rat fl-atti l-Qorti, stante li d-decujus kienet wahda fitta ferm fuq l-indafa filwaqt li kienet thobb tikkmanda hafna, zgur li dawn il-ftit sieghat ma kienux bizzejjed sabiex id-dar tkun xummiema kif jirrizulta li kienet tkun tridha d-decujus. Din il-Qorti tqis anzi li gie pruvat lilha li kien grazzi ghall-atturi fil-kawza 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa li Elisa Portelli kien jirnexxielha zzomm id-dar nadifa kif kienet tesigi hi, li kien jirnexxielha jkollha l-affarijiet sabiex issajjar il-borma u tixrob l-inbid kuljum u li kien ikollha l-bzonnijiet kollha maghha sabiex hi tkompli b'hajjitha fejn kienet kontinwament tmekkek 'il hemm u 'l hawn fid-dar taghha. Il-Qorti tqis li verament kif tghid l-attrici Josephine Sultana fil-kontro-ezami taghha a fol. 222 et seq tal-process illi kien bis-sahha taghhom l-erbgha li kienu jaghmlulha l-bzonnijiet kollha taghha li d-decujus irnexxielha tghix l-ahhar ghaxar snin fid-dar taghha, IMMA BL-GHAJNUNA TAGHHOM, ghax jirrizulta lill-Qorti li ma kinitx kapaci taghmel l-affarijiet taghha hlief affarijiet hfief bhall-hasil ta' hwejjeg hfief (li kienu jhalluhomlha apposta biex teheda maghhom) u tisjir tal-borma wara li jkunu xtrawlha kollox. Anzi jirrizulta li l-erba' ahwa kienu jaghmlu minn kollox sabiex filwaqt li jlestulha kollox hija jkollha certu affarijiet biex teheda ta' kuljum f'darha fosthom li hadu hsieb li jkollha kollox fis-sular t'isfel inkluz 'washing machine' u hekk toqghod tahsel hwejjigha z-zghar u teheda tonxorhom fuq habel baxx li ghamlulha fil-bitha. Dan juri anzi r-

rispett kbir li huma kellhom lejn din iz-zija u l-ftehim li huma kellhom maghha li akkost ta' kollox hija ma tigix rikoverata f'dar tax-xjuh.

Apparti x-xoghljiet li kienu jaghmlu fid-dar, l-erba' ahwa bniet b'mod partikolari l-atturi fil-kawza 30/2015 kienu jwasslu liz-zija 'l hemm u 'l hawn kontinwament inkluz sptarijiet, banek, hlas ta' kontijiet, servizzi finanzjarji, quddies u anki kienu johorguha maghhom.

Jirrizulta illi diversi partijiet mix-xhieda tal-atturi fil-kawza 30/2015 gew konfermati minn uliedhom li xehdu fl-atti u sahansitra huthom atturi fil-kawza odjerna kif ukoll minn Vincent Buhagiar li jigi r-ragel tal-attrici Maria Buhagiar fejn fl-affidavit tieghu a fol. 55 (kawza 30/2015) jaghti fid-dettal ix-xoghol kollu u l-ghajnuna kollha li kienu jaghtu martu u hutha lid-decujus.

Xhieda ohra li jikkonfermaw li kienu jaraw lill-atturi ahwa bniet jghinu lid-decujus flimkien mal-konvenuta Catherine Formosa huma l-girien ta' Josephine Sultana Pawlina Mercieca u Maria Mercieca a fol. 53 u 54 tal-process 30/2015. L-istess ikkonfermat in-nurse Josephine Dingli fl-affidavit taghha a fol. 57 tal-process 30/2015.

Jirrizulta wkoll li ghalkemm l-attrici Catherine Formosa (u konvenuta fil-kawza 30/2015) ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri, fl-atti a fol. 44 tal-process 30/2015 giet esebita d-dikjarazzjoni taghha li saret lura f'Dicembru, 2014 fejn hija tiddeskrivi l-ghajnuna li kienet taghti hi. Il-Qorti tinnota li ghalkemm f'din id-dikjarazzjoni ssemmi lil hutha, b'mod partikolari hija ssemmi lil ohtha l-attrici fil-kawza 30/2015 Mary Jane u mhux lil xi hadd mill-ahwa subien.

3. Illi l-Qorti rat ukoll id-dikjarazzonijiet, affidavit u kontro-ezamijiet tal-intervenut fil-kawza 30/2015 u tal-atturi fil-kawza odjerna. Jirrizulta lill-Qorti li ghalkemm fid-dikjarazzjonijiet li whud minnhom huma ghamlu lill-esekutur testamentarju kif inghad esebiti a fol. 39 et seq tal-process 30/2015 huma jsostnu li rendew servigi lil Elisa Portelli tant li dak iz-zmien kienu qed jippretendu li jirtuha flimkien ma' huthom il-bniet minn naha l-ohra fil-kawzi rrizulta li:

- John Vella (ara dikjarazzjoni a fol. 45 tal-process 30/2015 u x-xhieda u l-kontro-ezamijiet tieghu) kien ilu ma jkellem lil zitu minn diversi snin qabel ma hija kisret saqajha tant li mill-kontro-ezami johrog li lanqas biss jaf min zamm lil zitu meta hija kisret saqajha lura fis-sena 2004. Jirrizulta mill-provi li lanqas biss attenda ghall-funeral tad-decujus.

- Mill-assjem tad-dikjarazzjoni u xhieda ta' Benigno Vella jirrizulta li jista' jkun li xi drabi zghar id-decujus talbitu jaghmlilha xi manutenzjoni zghira fid-dar izda zgur li ma jirrizultawx is-servigi li qed jippretendi li huwa wettaq mill-provi mressqa fl-atti. Anzi huwa stess jammetti li kienu whud minn hutu bniet li kienu jiehdu hsieb it-tindif u bzonnijiet ohra tad-decujus fosthom il-medicina.

- Mix-xhieda tal-attur odjern Emanuel Portelli jirrizulta li huwa kien ilu snin twal ma jmur hdejn zitu tant li meta gie mitlub jiddeskrivi d-dar taghha jiddeskriviha kif kienet qabel ma twaqqghet u regghet nbniet minnha stess, jiddeskriviha kif kienet meta kien ghad kellha l-bhejjem fid-dar filwaqt li jirrizulta mill-atti li d-dar kienet ilha bosta snin li twaqqghet u regghet inbniet u l-annimali kienu ilhom li tnehhew mid-dar ukoll diversi snin. Certament allura ma jirrizultax li b'xi mod huwa rrenda xi servigi lid-decujus ghajr illi xi drabi rari gieli kienet tarah fit-triq u titolbu jwassalha l-knisja.

- Mill-affidavit u xhieda tal-attur fil-kawza odjern Victor Portelli jirrizulta li hu mhux qed jippretendi li rrenda xi servigi izda biss li bhala wiehed mill-bosta nepputijiet huwa ghandu jiret. L-istess jinghad ghal dak li jirrizulta mix-xhieda tal-attur Emanuel Portelli li sahansitra jghid li jekk zitu hadet xi xkora patata din kien jaghtihielha missieru u mhux hu. Filbqija huwa car mix-xhieda ta' dawn iz-zewg atturi odjerni li huma ma kienux jafu x'kienu l-bzonnijiet ta' zithom ghal dak li huwa mard u b'mod partikolari l-bzonnijiet taghha mill-bieb 'il gewwa tad-dar taghha. Il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni mix-xhieda tal-attrici odjerna Joyce Portelli li jidher li ma kellhiex l-icken idea tal-ghajnuna li kienu qed jaghtu l-atturi fil-kawza 30/2015 flimkien ma' ohthom Catherine Formosa sabiex fid- deher Elisa Portelli kienet tidher li qed tghix hajja ndipendenti izda fil-verita' kellha hafna u hafna ghajnuna.

- Skont l-affidavit tal-attur Alfred Cordina fol. 43 tal-process 37/2016 id-decujus dejjem kienet b'sahhitha. Jirrizulta izda mill-kontro-ezami tieghu li dak li huwa xehed fl-affidavit tieghu ma kienx il-verita' stante li hu kien jaf li hija kienet kisret saqajha fis-sena 2004 tant li fi kliemu jixhed li dak iz-zmien meta kienu jiehdu hsiebha l-atturi fil-kawza 30/2015 qalilha:

  '*Kont immur inzurha mbaghad ghidtilha "Issa Liz, ftakar li zammewk". Qaltli "minni mhux ha jgergru".* (ara fol. 199 tal-process 37/2016)

  Ghalkemm skont hu d-decujus kienet taghmel l-affarijiet taghha sal-ahhar meta mistoqsi dwar min kien jghinha jghid li ma jafx min kien johodha l-isptar, ma jafx min kien jaghmel ix-xirjiet, ma jafx min kien igib il-pirmli u jiehu hiseb il-preskrizzjonijiet, ma jafx min kien johodha l-knisja, il-bank u postijiet ohra ghax f'daqqa wahda jiftakar li ma joqghodx ix-Xewkija allura fi kliemu "*fejn jaf'*.

- Ghalkemm fl-affidavit tieghu a fol. 37 tal-process odjern l-attur Joseph Portelli jipprova jaghti x'jifhem li hu kien ikun il-hin kollu ghand zitu u li hija kienet tghix hajja kompletament indipendenti, jirrizulta li huwa jammetti li Catherine Formosa kienet tkun maghha fid-dar meta gieli mar massimu ta' darbtejn f'xahar u mhux kif kien iddikjara originarjament (ara l-kontro-ezami a fol. 114 et seq tal-process odjern). Fil-kontro-ezami tieghu wkoll jammetti li ma jafx min kien jiehu hsieb li jaghmel ix-xirja, min kien jiehu hsieb il-pirmli jew li d-

decujus kellha fisjoterapista ghalkemm jammetti li kienet bil-bastun. Meta mistoqsi wkoll jammetti li hu qatt ma ha ikel lil zitu l-isptar.

- Illi mill-affidavit ta' Saviour Portelli (attur fil-kawza odjerna) u millkontro ezami tieghu a fol. 149 et seq jirrizulta li huwa ma kienx jirrisjedi Malta fiz-zmien li kienet ghadha hajja Elisa Portelli ghalhekk zgur li ma rrendilha l-ebda servigi. Johrog ukoll mill-kontro-ezami tieghu li hu ma jafx min kien jixtrilha jew inaddfilha u sahansitra lanqas jaf li hija kienet ghamlet operazzjoni fis-sena 2004 ghalkemm jaf li kienet timxi bil-bastun.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-assjem tal-provi kollha fiz-zewg kawzi l-Qorti tqis li gie ampjament pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li l-atturi fil-kawza 30/2015 Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana irrendew servigi ampji lid-decujus Elisa Portelli mill-anqas mis-sena 2004 'il quddiem sal-mewt taghha fis-sena 2014 b'dana li rnexxielhom bl-ghajnuna kbira u kontinwa taghhom jippermettu li d-decujus tibqa' tghix fid-dar taghha sad-data tal-mewt taghha. Wara li saret l-operazzjoni fissena 2004 u Elisa Portelli rritornat fid-dar taghha jirrizulta wkoll li bdiet tirrendi servigi ampji lill-istess il-konvenuta fil-kawza 30/2015 u attrici fil-kawza odjerna Catherine Formosa b'dana li minhabba li kienet tghix l-aktar wahda vicin tad-decujus jirrizulta li Elisa Portelli ghal certu qadjiet kienet fl-ewwel lok tfittex lilha mbaghad iddur ghal hutha meta din ma kinitx tkun accessibbli bit-telephone.

Minn naha l-ohra wkoll mill-assjem tal-provi kollha prodotti ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-atturi fil-kawza odjerna nkluz l-intervenut fil-kawza 30/2015 Benigno Vella, ghajr Catherine Formosa, irrendew xi servigi lil Elisa Portelli. Din il-konkluzjoni tal-Qorti hija assodata anki mix-xhieda tan-nurse tad-decujus Josephine Dingli li a fol. 57 tal-process 30/2015 ikkonfermat li d-decujus kienet tghidilha li n-neputijiet taghha subien ma kienux ikellmuha.

Illi la darba jirrizulta lil din il-Qorti li Mary Jane Attard, Maria Buhagiar, Josephine Sultana u Catherine Formosa rrendew servigi, kuri u assistenzi estensivi ghal zmien ferm oltre t-tliet snin imposti fit-testment tad-decujus Elisa Portelli, jirrizulta ghalhekk li l-ewwel paragrafu tat-tielet artikolu tat-testment datat 3 ta' Marzu, 1992 (liema paragrafu ma nbidilx bit-testment segwenti) huwa sodisfatt per konsegwenza hija sodisfatta l-ewwel talba tal-atturi fil-kawza 30/2015 u l-Qorti gia ghaddiet sabiex tilqa' l-istess flimkien mat-tieni talba sussidjarja f'decizjoni li nghatat illum stess. Stante li t-tielet u r-raba' talbiet attrici fil-kawza 30/2015 huma alternattivi ghall-ewwel u t-tieni l-Qorti cahdet l-istess.

Illi in vista tad-decizjoni fil-kawza 30/2015 u l-konkluzjonijiet suesposti jsegwi li l-ewwel talba fil-kawza odjerna mihijiex fattwalment gjustifikata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess flimkien mat-tieni talba li hija sussidjara ghall-ewwel wahda. Fir-rigward tat-tielet talba din ukoll ma

tirrizultax pruvata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess. Fic-cirkustanzi l-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-kjamati fil-kawza Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana fl-atti tal-kawza odjerna.

Il-Qorti tqis ukoll, wara li rat u kkunsidrat iz-zewg processi 30/2015 u 37/2016, li l-intervenut fil-kawza 30/2015 u l-atturi fil-kawza 37/2016 ghajr Catherine Formosa intavolaw il-proceduri taghhom b'mod frivolu u vessatorju ghall-ahhar ghar-ragunijiet:

- li kienu jafu ben tajjeb li ma kienux huma li rrendew servigi lill-mejta Elisa Portelli filwaqt li sa l-intavolar tal-kawzi kienu ben konxji li hija kienet giet mghejjuna estensivament minn Mary Jane Attard, Maria Buhagiar, Josephine Sultana u Catherine Formosa

- u wkoll stante li l-proceduri ntavolati minnhom b'mod car kienu ntizi u servew biss sabiex itawlu l-proceduri u xejn aktar.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intervenut fil-kawza 30/2015 u l-atturi fil-kawza 37/2016 ghajr Catherine Formosa ghandhom ibaghtu l-ispejjez tal-proceduri taghhom u tal-intimati fil-kawza 37/2016.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' it-tielet, ir-raba', l-hames u sitt eccezzonijiet tal-kjamati fil-kawza tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici salv u minghajr pregudizzju ghal dak gia deciz favur Catherine sive Kitty Formosa fil-kawza 30/2015 deciza llum stess.**

**Bl-ispejjez kollha tal-kawza odjerna nkluz tal-kjamati fil-kawza ghandhom jigu sopportati unikament mill-atturi kollha b'eskluzjoni tal-ispejjez ta' Catherine sive Kitty Formosa li dawn tal-ahhar ghandhom jigu sopportati mill-eredita' intimata."**

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi (ħlief Catherine *sive* Kitty Formosa) (03.12.2018):</u>**

10. L-atturi kollha (ħlief Catherine *sive* Kitty Formosa) bażikament jargumentaw li dak li għamlu l-kjamati fil-kawża (l-atturi fil-kawża 30/2015) ma' zijithom Elisa Portelli ma kinux dawk is-serviġi, kuri u assistenzi li

kellhom jiġu reżi sabiex japplika l-provvediment tat-testment ta' Elisa Portelli. Huma jagħmlu diversi punti fir-rigward (li huma litteralment riproduzzjoni tal-punti li għamel l-intervenut Benigno *sive* Benny Vella fl-appell tiegħu mis-sentenza rigwardanti l-kawża 30/2015):

(i) Skont huma ħadd min-neputijiet ma rrenda serviġi, kuri u assistenzi fil-grad mitlub mil-liġi u ta' ċertu entità u għalhekk ħadd ma għandu jiġi dikjarat eredi, u allura għandhom jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Elisa Portelli li permezz tagħhom ħalliet il-prelegati kif elenkati fit-testmenti tagħha.

(ii) Elisa Portelli kienet tagħmel kważi kollox hi u kienet issejjaħ in-neputijiet tagħha, inkluż lilu, skont il-bżonn għal ċertu qadjiet.

(iii) Elisa Portelli baqgħet indipendenti sal-aħħar jiem qabel ma mietet.

(iv) Elisa Portelli kienet tgħix waħeda sal-aħħar ġranet ta' ħajjitha.

(v) Elisa Portelli kienet tmur il-knisja kuljum u kienet titla' ma' kull

min ikun għaddej.

(vi) Elisa Portelli kienet taħsel l-art, issajjar u taħsel il-ħwejjeġ tagħha stess.

(vii) Elisa Portelli kienet anke tieħu ħsieb oħtha (Mikelina Vella) li kellha d-dimenzja.

(viii) Elisa Portelli kellha *helper* tal-Gvern biex tagħmel dak it-tindif li ma setgħetx tagħmel hi stess.

(ix) Elisa Portelli kienet tingħata għajnuniet żgħar minn bosta neputijiet u mhux mill-kjamati fil-kawża biss.

(x) In-neputijiet kemm bniet u subien kienu jagħtu l-għajnuna li hemm bżonn lil Elisa Portelli.

(xi) Il-*maintenance* fid-dar ta' Elisa Portelli kien isir minn ħut il-kjamati fil-kawża s-subien.

(xii) Elisa Portelli ma kinitx issuq u allura kienu jwassluha diversi nies għall-quddies u postijiet oħra.

(xiii) Elisa Portelli kellha bżonn għajnuna għal ftit ġimgħat meta kisret sieqha, iżda mhux għal tliet snin.

(xiv) Kulħadd kien joħdilha l-affarijiet, għalkemm kollox kienet tixtri hi bi flusha.

**<u>Risposta tal-kjamati fil-kawża għall-appell tal-intervenut fil-kawża (17.12.2018):</u>**

11. It-tliet kjamati fil-kawża (l-atturi fil-kawża 30/2015) wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell li għamlu l-atturi kollha (ħlief Catherine *sive* Kitty Formosa), għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom.

**<u>Risposta tal-Avv. Dr Joseph Grech bħala kuratur deputat biex jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti tal-mejta Elisa Portelli (21.12.2018):</u>**

12. Fir-risposta tiegħu l-Avv. Dr Joseph Grech qal li ftit li xejn għandu x'jgħid dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti *stante* li huwa qiegħed jirrappreżenta wirt ġjaċenti u għalhekk kwalsiasi kwistjoni għar-rigward ta' min għandu jiret l-istess wirt hija kwistjoni li timpinġi fuq il-kontendenti u mhux fuq il-wirt innifsu. Huwa għalhekk irrimetta ruħu għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din il-Qorti.

**IT-TIELET (3) ARTIKOLU TAT-TESTMENTI TA' ELISA PORTELLI (atti tan-Nutar Dr Michael Refalo):**

13. Il-kwistjoni mertu tal-kawża 30/2015 u tal-kawża 37/2016 nibtet proprju mit-Tielet Artikolu tat-testmenti ta' Elisa Portelli fejn bażikament hija nnominat bħala l-eredi universali tagħha dawk in-neputijiet li jkunu rrendewlha seriviġi, kuri u assistenzi għal żmien ta' mhux anqas minn tliet snin.

**(a) It-Tielet Artikolu tat-testment tat-3 ta' Marzu 1992 jaqra hekk:**

> *"Salv il-premess tinnomina u tistitwixxi bħala eredi universali tal-beni tagħha kollha in ġenerali preżenti u futuri mobbli u mmobbli lil dik jew dak minn nepputijiet tagħha u cioe` mit-tfal ta' ħutha illi jkun irrendielha serviġi, kuri u assistenzi għal żmien ta' mhux anqas minn tlett snin u bil-patt u kondizzjoni illi ħlief fuq parir mediku u bil-kunsens bil-miktub tal-Eżekutur Testamentarju tagħha hawn taħt nominat ma' jirrikoverawhiex f' xi sptar jew ospizju u bil-patt u kondizzjoni ukoll illi f' każ ta' bżonn iżommha miegħu/ magħha fid-dar tiegħu/tagħha.*
>
> *L-istess eredi kif fuq nominat ikun obbligat ukoll illi jeroga s-somma neċessarja sabiex isir funeral xieraq lit-testatriċi u jeroga wkoll is-somma neċessarja sabiex ta' kull sena ssir quddiesa anniversarju bl-elemosina korrenti minn żmien għal żmien għar-ruħ u in suffraġju tat-testatriċi.*
>
> *Fil-każ illi ikun hemm aktar minn nepputi jew nepputija waħda illi jirrendulha tali serviġi, skont kif fuq allura t-testatriċi tinnomina b' eredi universali tagħha lill-istess nepputijiet fi kwoti ugwali bejniethom.*
>
> *It-testatriċi trid u tordna illi fil-każ illi jinħoloq dubbju rigward il-persuna illi tkun irrenditilha dawn is-serviġi, kuri u assistenzi, l-Eżekutur Testamentarju tagħha hawn taħt nominat għandu fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jagħżel il-persuna jew persuni illi għandhom jibbenefikaw taħt dan it-testment skont il-kriterji illi sejrin jiġu stabbiliti hawn taħt, u cioe` d-durata u l-kwalita` tas-serviġi reżi lit-testatriċi:*

*F' kas illi minħabba mewt ħesrem jew f' eta` illi t-testatriċi ma jkollha bżonn ebda persuna biex iddur biha jew fil-kas illi l-istess testatriċi minħabba l-marda illi jkollha tiġi rikoverata fl-isptar, jew fil-kas illi ebda wieħed jew waħda minn nepputijiet tagħha ma jikkwalifika taħt il-kriterji fuq stabbiliti, l-wirt tagħha għandu jiddevolvi a favur ta' ħutha kollha fi kwoti ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari tal-akkrexximent bejniethom b'dan pero` illi d-dar tal-abitazzjoni tagħha fix-Xewkija, Gozo, Triq Tinghi, numru sbatax (17) għandu jittieħed b'titolu ta' prelegat mit-tfal ta' oħtha Michelina mart Joseph Vella, bl-obbligu illi dawn iħallsu fl-assi tagħha l-valur tal-istess dar skont stima ta' Perit Arkitett magħżul mill-Eżekutur Testamentarju tagħha hawn taħt nominat.*

*Fl-aħħarnett it-testatriċi trid u tordna illi fil-kas illi - għalkemm xi nepputijiet tagħha jkunu irrendulha xi serviġi, kuri u assistenzi pero` ma jkunux dam dak iż-żmien stabbilit f' dan it-testment – tali nepputi/ nepputija jew nepputijiet għandhom jitħallsu għal dawk is-serviġi, kuri u assistenzi illi jkunu irrendewlha mill-assi tagħha u l-ammont ta' dan il-ħlas għandu jiġi stabbilit mill-Eżekutur Testamentarju tagħha hawn taħt nominat billi jieħu in konsiderazzjoni d-durata u l-kwalita` tas-serviġi resi kif ukoll l-ammont ta' kumpens ta' dawk is-serviġi illi jkunu resi."*

**(b) It-Tielet Artikolu tat-testment tas-7 ta' Marzu 2000 jaqra hekk:**

*"Tagħmel riferenza għat-Tielet Artikolu tal-preċitat testment u partikolarment għall-ħames paragrafu tal-istess artikolu. F' dak il-paragrafu t-testatriċi tħassar il-kliem kollu li jinda minn "il-wirt tagħha għandu jiddevolvi" sal-aħħar tal-paragrafu.*

*Minfloku t-testatriċi tissostitwixxi dan li ġej:*

*"il-flus kollha illi t-testatriċi jista' jkollha fid-data tal-mewt tagħha kemm jekk kontanti kemm jekk depożitati f' xi bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra inklużi ukoll titoli li jirrappreżentaw flus, wara illi jitħallsu l-legati u prelegati imħollija mit-testatriċi, għandhom jiġu perċepiti fi kwoti ugwali mit-tmient aħwa tat-testatriċi bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mancanza bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom; mentri d-dar numru sbatax (17) Triq Torri Tinghi, Xewkija, Gozo għandha tiġi perċepita bi prelegat mit-tmien titfal ta' oħtha Michelina armla ta' Joseph Vella fi kwoti ugwali bejniethom bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom u in mancanza bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom b'dan pero` illi l-istess prelegatarji jkunu obbligati jħallsu nofs il-valur tal-istess dar skond stima magħmula minn Perit Arkitett magħżul mill-Eżekutur Testamentarju tagħha lill aħwa kollha tat-testriċi (inkluża oħtrha Michelina) bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom u in mancanza bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom."*

14. Għalkemm f'każ ta' dubju dwar min għandu jkun / min għandhom ikunu l-eredi universali tagħha t-testatriċi ħalliet f'idejn Bernard Mercieca, l-eżekutur testamentarju nominat minnha, sabiex fid-diskrezzjoni tiegħu jagħżel dik il-persuna / dawk il-persuni li għandhom jibbenefikaw mit-testment bħala riżultat ta' serviġi reżi minnha / minnhom, l-istess Bernard Mercieca stqarr li "*din kienet biċċa uġigħ ta' ras għalija*"[1]. Spjega li kien kellem lin-Nutar Refalo u kienu anke għamlu laqgħa fejn laqqgħu n-neputijiet kollha aħwa Vella (barra wieħed li jgħix l-Awstralja u barra Catherine Formosa, li minflok bagħtet lil binha). Qal li l-laqgħa kienet imqanqla ħafna u ma kienx hemm qbil, u li hu u n-nutar spiċċaw waqqfu l-laqgħa u talbu n-neputijiet jagħmlu dikjarazzjoni maħlufa dwar kif skont huma rrendew serviġi lil Elisa Portelli. Qal li peress li ma kienx hemm qbil speċjalment bejn il-bniet u s-subien, "*issuġġerejnilhom biex jieħdu parir legali".* Kien għalhekk li l-vertenza spiċċat quddiem il-Qorti, u adirittura nfetħu żewġ kawżi (30/2015 u 37/2016) sabiex bażikament jiġi deċiż jekk hemmx neputijiet li jikkwalifikaw bħala l-eredi universali ta' Elisa Portelli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu Tlieta.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

15. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, wara li qieset bir-reqqa l-provi kollha mressqa kemm fl-atti tal-

[1] Affidavit a fol 37 *et seq* (Atti 30/2015)

kawża 30/2015 kif ukoll fl-atti tal-kawża 37/2016, ikkonkludiet li kienu:

- **(1) Mary Jane Attard**, **(2) Maria Buhagiar** u **(3) Josephine Sultana** (l-atturi fil-kawża 30/2015 u l-kjamati fil-kawża fil-kawża 37/2016),

- kif ukoll **(4) Catherine (Kitty) Formosa** (il-konvenuta fil-kawża 30/2015 u l-attriċi fil-kawża 37/2016)

li rrendew is-serviġi, kuri u assistenzi lil zijithom Elisa Portelli b'mod li jikkwalifikaw bħala eredi universali tagħha skont id-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha.

16. Kemm Benigno *sive* Benny Vella (l-intervenut fil-kawża 30/2015 u wkoll wieħed mill-atturi fil-kawża 37/2016), kif ukoll l-atturi l-oħra kollha fil-kawża 37/2016 (ħlief għal Catherine (Kitty) Formosa) appellaw minn tali konklużjoni tal-Ewwel Qorti.

17. Bażikament jenfasizzaw li zijithom Elisa Portelli kienet indipendenti, tgħix u torqod waħeda, tagħmel il-faċendi, ix-xiri u t-tisjir, u li anke kellha *helper* tal-Gvern. Jargumentaw ukoll li zijithom kienet tingħata għajnuniet żgħar minn bosta neputijiet (kemm bniet u subien) u li ħadd min-neputijiet ma rrenda serviġi, kuri u assistenzi ta' ċertu entità

b'mod li jiġi li jikkwalifika bħala l-eredi universali tagħha abbażi tad-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha.

18. Mary Jane Attard, Maria Buhagiar u Josephine Sultana xehdu fid-dettall dwar dak li huma u oħthom Catherine Formosa għamlu ma' Elisa Portelli tul l-aħħar għaxar snin tal-ħajja ta' tagħha (cjoè minn meta kisret sieqha fl-2004 sakemm mietet fl-2014).

19. Jirriżulta li fl-2004 (meta Elisa Portelli kellha madwar 75 sena) hija kisret sieqha mill-"*hip*" u konsegwentement ġiet operata fl-isptar t'Ghawdex. L-aħwa Attard, Buhagiar u Sultana spjegaw li zijithom kienet tistmerr l-ambjent tal-isptar u li kienet tippretendi li joqogħdu magħha għaliex ma kinitx tħossha komda l-isptar waħeda. Xehdu li kienu jitqassmu bejniethom (filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija), biex joħdulha l-ikel, jaħslulha l-ħwejjeġ u jżommulha kumpanija, u li wara li ħarġet mill-isptar żammewha xahar għand kull waħda minnhom, fejn kien ikollha bżonn ħafna attenzjoni. Maria Buhagiar, f'dan ir-rigward, pereżempju, xehdet hekk fl-affidavit tagħha[2]:

> *"Kienet iddaħħlet l-isptar u damet ftit hemm. Kont immur inżurha flimkien ma' ħuti u konna nitqassmu ħalli neħdulha l-ikel peress li z-zija Liza ma kienet tieħu xejn mill-isptar. Kont naħslilha l-ħwejjeġ tagħha u neħodhomlha l-isptar. Anke ġieli ħadtilha xi bżonnijiet li kellha bżonn mid-dar tiegħi bħal xuġamani, face cloths, piġami, peress li hi kienet tippreferi ma tużax dawk tal-isptar. Konna nitqassmju jien u ħuti Mary Jane u Joyce, biex ta' kuljum ikun hemm xi ħadd ħdejha ili jeħdilha l-ikel u l-ħwejjeġ nodfa flimkien ma' kull ħaġa li kien ikollha bżonn jew li kienet titlobna.*

[2] Affidavit fol 32 *et seq* (Atti 30/2015)

> *X' ħin ġiet mibgħuta d-dar mill-isptar iz-zija talbitna bil-ħniena biex inżommuha magħna għax ma xtaqitx bl-ebda mod tmur ġo home. Jien u ħuti ftehmna u b'ħafna sagrifiċċju żammejniha magħna u qassamna ż-żmien."*

20. Xehdu li eventwalment kellha terġa' tiddaħħal l-isptar (din id-darba l-isptar ta' Malta) għaliex l-operazzjoni li kienet saritilha Għawdex ma kinitx irnexxiet u għalhekk għal darb'oħra kellhom jerġgħu jitqassmu biex iżuruha l-isptar u jgħinuha fil-bżonnijiet tagħha, ovvjament issa b'iktar skariġġ u sagrifiċċju għaliex kull darba kellhom jaqsmu minn gżira għall-oħra. Xehdu li wara li ħarġet mill-isptar ta' Malta għal darb'oħra reġgħu żammewha għandhom xahar kull waħda. Mary Jane Attard, f'dan ir-rigward spjegat hekk fl-affidavit tagħha[3]:

> *"Wara li għamlet xahar għandi kellna neħduha l-isptar Malta sabiex issir it-tieni operazzjoni. Kienet damet mhux ħażin l-isptar. Aħna konna nagħmlu l-istess ħaġa bħal meta kienet l-isptar Għawdex. Konna neħduha in turns u ninżlu Malta darba kull wieħed. Konna neħdulha l-ikel u naħslulha ħwejjeġ kuljum. Konna nieħdu ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħha u kont noqgħod hemm kważi ġurnata sħiha. Peress illi kienet l-Malta kien ikollna nibqgħu ġurnata hemm u dan apparti l-iskariġġ li kont nieħu kull darba li mmorru u l-ispejjeż. Apparti hekk jien ma nsuqx Malta u għalhekk kien ikolli mmur b' tal-linja. Kienet battikata kbira għalija biex immur Malta. U dan ma tgħidx għal erbat ijiem imma għal żmien twil.*
>
> *Meta kienet tajba biex toħroġ mill-isptar erġajna żammejniha ġewwa d-dar tagħna sakemm kienet ix-xewqa tagħha li terġa tmur id-dar tagħha. Kienet għamlet bejn wieħed u ieħor xahar għand kull wieħed minna. Meta ġiet mill-isptar ta' Malta ma kinitx kapaċi toqgħod fuq saqajha u għalhekk konna nagħmlu kollox aħna.."*

21. Komplew jgħidu li meta ġiet biex tmur lura f'darha kellhom jgħinuha sabiex il-post tagħha jkun aċċessibbli kemm jista' jkun, bħal per eżempju

---

[3] Affidavit, fol 25 *et seq,* (Atti 30/2015)

għamlulha *aircondition* u *telephone* maġemb is-sodda. Kienu offrewlha s-servizz tat-*telecare* li peró hija rrifjutat, u anke ħasbulha għal *commode* biex lanqas ikollha bżonn timxi sal-kamra tal-banju u jkollha kollox maġenbha.

22. Għalkemm sussegwentement għaż-żewġ episodji fejn ġiet rikoverata fl-isptar (fejn wara kull episodju qattgħet madwar tliet xhur għand Attard, Buhagiar u Sultana rispettivament) Elisa Portelli kienet imbagħad tgħix u torqod waħeda f'darha sakemm mietet għaxar snin wara fl-2014, Attard, Buhagiar u Sultana fix-xhieda tagħhom jenfasizzaw kemm dan kien possibbli unikament minħabba l-għajnuna konsistenti tagħhom u ta' oħthom l-oħra Catherine (Kitty) Formosa. Għalkemm din tal-aħħar  kienet miksura maz-zija fiż-żmien li kienet rikoverata l-isptar, jirriżulta li hija mbagħad eventwalment reġgħet bdiet tkellimha u kienet tgħinha ħafna u regolarment fil-bżonnijiet tagħha.

23. Fix-xhieda tagħhom (fiż-żewġ kawżi) Attard, Buhagiar u Sultana jispjegaw dak kollu li kienu jagħmlu ma' zijithom Elisa Portelli sabiex hija kienet setgħet tibqa' tgħix waħeda fil-kumditá ta' darha.

24. Joyce Sultana fl-affidavit tagħha xehdet[4] illi:

> *"…kienet ħassitha tajba biżżejjed biex toqgħod fir-residenza tagħna fix-Xewkija pero` konna nittawlulha kuljum u ġieli aktar minn darba kuljum. Kont intellagħha l-knisja, konna nitqassmu jien u ħuti. Mhux l-ewwel darba illi ħadtha miegħi għal xi qadjiet bħal xirja, għand l-ispiżjar jew*

[4] Affidavit a fol 29 *et seq*, (Atti 30/2015)

*tiċċekkja fuq xi mediċina. Meta kien ikollha bżonn xi libsa għall-okkażjoni konna ukoll immorru għand il-ħajjata u kienet l-hena tagħha tilbes pulit, speċjalment għall-festa tax-Xewkija. Min jaf kemm-il darba mort nixtrilha ħwejjeġ u żraben għall-fest u nerġa' mmur inbiddilhiom għax ma jkunux jogħġbuha jew jiġuha imma basta tkun kuntenta."*

25. Kontroeżaminata Joyce Sultana[5] qalet li hi u ħutha kienu jixtru lil zijithom l-affarijiet għall-borma. Dwar il-ħasil tal-ħwejjeġ ikkummentat li kienu jkunu huma li jixtrulha s-sapun. Dwar il-*helper* tal-Gvern li kienet tmur tassisti liz-zija qalet li din ma setgħetx tagħmel ħafna faċendi fil-ftit ħin li kienet tmur għandha. Qalet li hi u ħutha, inkluż Catherine Formosa li toqgħod maġenb iz-zija, kienu dejjem ġejjin u sejrin għandha, u dan mhux xi darba fil-ġimgħa. Qalet li kienu spiss imorru jixtrulha affarijiet tal-borma u tal-ħasil. Enfasizzat li l-qadi kienu jagħmluh huma l-bniet inkluż Catherine. "*Dik għamlet, għalkemm ma żammithiex id-dar, hi kienet ma' ġenbha u għamlet qadjiet*."

26. Mary Jane Attard fl-affidavit tagħha qalet li[6] :

*"Jien kelli ċ-ċavetta tad-dar peress li kont noqgħod qrib. Min jaf kemm-il darba ċemplitli bil-lejl u kont immur niġri niġborha għax kienet tkun waqgħet. Kien ikolli nqajjem ir-raġel tiegħi sabiex jiġi miegħi għaliex waħdi ma stajtx inkampa. U meta kienet taqa' matul il-ġurnata kont ngħid lit-tifel jiġi miegħi ukoll….*

*…Kont neħodha għall-visti l-isptar u niġbrilha l-primli mill-isptar. Kont neħodha checkups tal-għajnejn ukoll. U nagħmlilha x-xirjiet li jkollha bżonn u kont niġborha mill-knisja ta' kull nhar ta' Sibt għal dawn l-aħħar għaxar snin għaliex ma kinitx kapaċi timxi mid-dar sal-knisja. Kont noħroġha miegħi ukoll il-baħar u l-Erbgħat tal-Madonna ta' Pinu u ħarġiet oħra."*

[5] Kontroeżami tal-21.02.2017, fol 93 *et seq* (Atti 30/2015)
[6] Affidavit, fol 25 *et seq*, (Atti 30/2015)

27. Kontroeżaminata Mary Jane Attard[7] ikkonfermat li z-zija kienet tgħix waħeda u kkonfermat ukoll li kienet issajjar u kellha *helper*. Qalet li ma kinitx terħi ruħha u kienet mara ta' spirtu. Dwar il-ħasil tal-ħwejjeġ qalet li kienet marret magħha biex xtrat *washing machine* biex tqiegħda isfel. Qalet li kienet tgħinha taħsel oħtha Catherine Formosa, u li z-zija kienet kapaċi tonxor isfel fil-bitħa, "*kollox ma' saqajha*".

28. Maria Buhagiar xehdet hekk fl-affidavit tagħha[8]:

> *"Meta imbagħad wasal iż-żmien li tmur lura f' darha jiena bqajt nassistiha f' ħafna bżonnijiet bħal nagħmlilha xirja tal-ikel u ta' xi affarijiet tal-bżonn. Kont immur nixtri l-mediċina tagħha mingħand l-ispiżjara. Kont nieħu ħsieb il-ħlas tal-kontijiet. Iż-żija Liza kienet taħdem il-biżżilla u tbiegħha għand xi nies. Jien kont nieħu ħsieb illi dan ix-xogħolo tal-bizzilla nieħdu għand dawk li kienet tbiegħu għandhom…*
>
> *…Konna ngħinuha jien u ħuti l-oħra fl-affarjiet tad-dar bħal tindif, ħasil u bżonnijiet ta' kuljum. Ħaġa li bqajna nagħmlu sa mewtha….*
>
> *…oħti Catherine kienet tagħti daqqa t' id billi xi drabi twassalha l-knisja. Oħti Catherine kienet tgħinha wkoll f' affarijiet oħra ta' kuljum, bħal tmur tagħmlilha x-xirja, taħsliliha d-dar u tara x' għandha bżonn."*

29. Kontroeżaminata Maria Buhagiar[9] ikkonfermat li z-zija kienet tgħix waħeda u li anke kellha *helper* għal xi ftit sigħat fil-ġimgħa. Però enfasizzat li z-zija kienet "*ħafna fitta fl-indafa"* u li kulma kienet tagħmel il-*helper* kienet li tgħaddilha l-art jew timsħilha x'imkien, u mhux taħslilha l-ħġieġ jew il-persjani. Qalet li hi kienet tmur taħslilha meta tkun taf li m'hemmx il-*helper* u li kienet tmur taqdiha f'affarijiet bħal xiri. Mistoqsija jekk iz-zija kinitx issajjar l-ikel tagħha stess wieġbet li ġieli kienet tagħmel

---

[7] Kontroeżami tal-21.02.2017, fol 104 *et seq* (Atti 30/2015)
[8] Affidavit fol 32 *et seq* (Atti 30/2015)
[9] Kontroeżami tal-21.02.2017, a fol 81 *et seq* (Atti 30/2015)

dan iżda mhux kuljum. Qalet li hi u ħutha kienu jistidnuha tiekol għandhom u anke jsajrulha l-ikel huma. Dwar ħasil ta' ħwejjeġ qalet li zijithom kienet kapaċi taħsel affarijiet ħfief iżda l-affarijiet tqal kienu jaħsluhomlha huma.

30. Għalkemm Catherine (Kitty) Formosa għażlet li ma tixhidx, kif osservat l-Ewwel Qorti, fl-atti tal-proċess 30/2015 ġiet esebita dikjarazzjoni li kienet għamlet f'Diċembru 2014[10], fejn tiddiskrivi l-għajnuna li kienet tagħti hi, *ossia*:

> *"Jiena Katie Formosa neputija ta' Lisa Portelli. Aħna bħala familja ta' Kelina Vella li tiġi oħt Lisa minn meta konna żgħar jien u ħuti dejjem konna mmorru għandha u dejjem għenna il-xulxin kif stajna. Aħna bdejna ngħinu l-Lisa wara li weġgħet sieqa u ma setgħetċ titla il-knisja bil-miexi u min hemm bdejna nwasluwa il-knisja ta' kuljum imma nhar ta' Sibt aħna konna ntellewa u oħti M Jane kienet tnizzilha magħha l-isfel. Jiena Katie billi noqgħod ħdejja kont imur għandha kuljum u dejjem għint kif stajt."*

31. L-istess tliet aħwa Attard, Buhagiar u Sultana, reġgħu xehdu fl-atti tal-kawża 37/2016 fejn komplew jelaboraw fuq dak kollu li kienu jagħmlu ma' zijithom fl-għaxar snin li kienet tgħix waħeda wara li kienet għamlet it-tieni operazzjoni fl-isptar ta' Malta.

32. Issir referenza għall-affidavit ta' Maria Buhagiar[11] (li l-kontenut tiegħu ġie kkonfermat minn Mary Jane Attard u Joyce Sultana fl-affidavits rispettivi tagħhom). Hija enfasizzat li z-zija kienet mara anzjana u li għalkemm qatt ma ntremiet, kellha limitazzjonijiet fiżiċi peress li kienet

[10] Fejn tidher it-timbru tan-Nutar Enzo Refalo (*Notary Public & Commissioner for Oaths*)
[11] Affidavit a fol 204 *et seq* (Atti 37/2016)

mgħawġa ħafna u ta' saħħa fraġli; kienet tuża l-bastun u fl-ahhar anke l-*walking frame*. Qalet li huma kienu jħalluha tagħmel affarijiet hi sabiex ma taqtax qalbha. Semmiet ukoll kemm iz-zija Eliza kienet tħobb tikkmanda, kemm kienet tippretendi, u li allaħares tinsa taqdiha f'xi ħaġa għaliex litteralment tispiċċa tgħajrek; fil-fatt Maria Buhagiar issemmi episodju fejn minkejja li kien il-maltemp iz-zija insistiet li din kellha ssuq minn Kerċem għax-Xewkija fix-xita qliel sabiex toħdilha flixkun inbid għaliex hedditha li mingħajru ma kinitx ser tiekol:

> *"…meta per eżempju konna naħslulha l-ħwejjeġ, ċerta ħwejjeġ żgħar konna nħallu lilha tpoġġihom fil-washing machine u taħsilhom. Fil-fatt konna niżżilnilha l-washing machine isfel ġol-kċina. Kienet marret oħti Mary Jane għand GDA Services u xtratilha washing machine ġdida li ġiet stallata fil-kċina. Ma' ġenb il-kċina għamilnilha ħabel baxx fil-bitħa li kien hemm biex tonxor dawn il-biċċiet żgħar bħal srievet, pero` l-bqija tal-ħwejjeġ u affarijiet oħra bħal ma huma kutri, lożor u affarijiet aktar goffi konna naħsluhomlha aħna u ġieli anke ħadnihom id-dar tagħna biex naħsluhomlha hemm. Dan nafu kemm għalija nnifsi kif ukoll għaż-żewġ ħuti l-oħra Mary Jane u Joyce.*
>
> *Rigward it-tindif kellha l-helper tal-Gvern li kienet tmur darbtejn fil-ġimgħa pero` ta' kuljum aħna filgħodu konna mmorru biex nagħmlu dik il-kinsa u tindifa li kien ikukn hemm bżonn u xi faċendi li jinqalgħu. Dejjem konna mmorru xi ħadd minn l-aħwa. Imbagħad filgħaxija meta konna mmorru għaliha għall-quddies kienet tinsisti li mmorru għaliha kmieni. Dan biex tqabbadna nagħmlulha xi ħaġa. Daqqa kienet tqabbadni nikinsilha l-bejt u naħslu l-istess bejt. Daqqa naqlagħlha xi purtiera. Dejjem kienet tħobb tikkmandana nagħmlu xi ħaġa. Anzi ngħid illi huwa fil-karattru taz-zija li kienet tħobb tikkmanda u li kultant kienet iddejqek, hekk per eżempju kont nidħol għandha u nkun sejra għall-knisja, tgħidli erfagħli t-television. Ir-raġuni kienet tkun biex jintmesah taħtu. Meta kienet tkun ma tiflaħx bħal xi influenza konna aħna li nqattgħu ġranet magħha. Oħti Mary Jane ġieli kienet tmur għandha bil-lejl għax kienet iċċemplilha.*
>
> *…*
>
> *Iz-zija kienet mara tikkmanda u kienet tordnalek kull ma kien ikollha bżonn u allaħares kont tinsa xi darba għax kienet iċċempillek u litteralment tibda' tgħajjrek. F' okkażjoni partikolari kienet ix-xitwa kienet ċemplitli d-dar tiegħi f' Kerċem u qaltli li ma kienx fadlilha inbid. Jien għidtiha issa għada inġiblek. Qaltli le, inbid irridu issa għax inkella m'inix ser niekol. Niftakar kienet xita qliel. Kelli naqbad il-karozza minn Kercem*

*u noħdilha l-inbid sax-Xewkija u fil-karozza niftakar kont bdejt nibki. Kont bżajt li l-karozza ser tiqafli f' dak il-wied li kien hemm.*

*Ngħid li xiri konna nagħmluhulha kollu aħna minn l-anqas ħaġa sal-akbar ħaġa li riedet u dan tul għaxar (10) snin li għamilna nieħdu ħsiebha. M'inix neskludi illi forsi xi darba waqaf xi trakk tal-ħaxix quddiemha u ħarġet tixtri xi ħaġa ħafifa, iżda dawn żgur li kienu okkażjonijiet isolati u mhux regolari."*

33. Minn dan kollu din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li l-erba' ahwa Attard, Buhagiar, Sultana u Formosa rrendew lil zijithom Elisa Portelli serviġi, kuri u assistenzi tali li jimmeritaw li jiġu dikjarati eredi universali abbażi tad-dispożizzjonijiet testamentarji tal-istess Elisa Portelli.

34. Jiġi ppreċiżat li għalkemm Catherine (Kitty) Formosa ma xehditx f'dawn il-proċeduri (għajr id-dikjarazzjoni tagħha tal-2014 li ġiet ippreżentata fl-atti tal-kawża 30/2015), jirriżulta mill-provi li hija kienet tassisti lil Eliza Portelli daqs Attard, Buhagiar u Sultana (anke jekk fiż-żmien li kienet rikoverata l-isptar kienu miksurin, u hija qatt ma żammitha f'darha bħat-tlieta l-oħra). Din il-Qorti hija fil-fatt sodisfatta li Catherine (Kitty) Formosa rrendiet serviġi, kuri u assistenzi ta' natura tali biex timmerita li tiġi dikjarata eredi universali ta' Elisa Portelli flimkien ma' ħutha l-oħra Attard, Buhagiar u Sultana. Dan qed jingħad mhux biss abbażi ta' dak li joħroġ mill-provi dwarha, iżda wkoll għall-fatt li minkejja li ma riditx tintavola l-azzjoni 30/2015 flimkien ma' ħutha Attard, Buhagiar u Sultana, dawn tal-aħħar tant ħassew li timmerita li tiġi dikjarata eredi universali magħhom li fil-fatt daħħluha fil-kawża bħala konvenuta u għamlu talba f'dan is-sens.

35. Għalkemm fir-rikors tal-appell sar aċċenn għall-fatt li Elisa Portelli kienet tgħix u torqod waħeda, li kellha *helper,* li kienet tixtri mit-trakk tal-ħaxix, li kienet kapaċi ssajjar u tagħmel it-tindif, u li ġieli kienet titla' l-knisja ma' min issib, dawn l-affarijiet bl-ebda mod ma jxejnu jew inaqqsu mis-serviġi, kuri u assistenzi li l-aħwa Attard, Buhagiar, Sultana u Formosa rrendewlha tul tant snin fejn b'paċenzja u dedikazzjoni liema bħala kienu jgħinuha fit-tindif, ikel, xiri, qadi u kull bżonn li kien ikollha. Wieħed ukoll ma jridx jinsa li bejn l-2004 u l-2014 Elisa Portelli kellha bejn 75 u 85 sena. Kienet mara anzjana u fraġli, u adirittura mgħawġa ferm (kif anke kkonferma Bernard Mercieca, l-eżekutur testamentarju) u għalhekk dak li setgħet tagħmel waħeda kien limitatissimu. Kif jargumentaw Attard, Buhagiar u Sultana fir-risposta tal-appell tagħhom, mhux verosimili li mara ta' dik l-età mgħawġa ganċ u timxi bl-għajnuna ta' bastun jew *walking aid* setgħet tagħmel faċendi ta' ċertu entità waħeda.

36. Fir-rikors tal-appell ġie argumentat ukoll li Elisa Portelli kienet tingħata biss għajnuniet żgħar minn bosta neputijiet, kemm subien u kemm bniet, u mhux minn Attard, Buhagiar u Sultana biss.

37. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li barra Attard, Buhagiar, Sultana u Formosa kien hemm neputijiet oħra li kienu jgħinu lil Elisa Portelli.

38. Hekk pereżempju l-eżekutur testamentarju Bernard Mercieca fil-

kontroeżami tiegħu[12] xehed hekk:

> *"Hi kienet issemmili illi ssejjaħ in-neputijiet, u min jagħmliliha ħaġa u min jagħmlilha oħra, ġieli kienet issemmili l-bniet u ġieli kienet issemmi lis-subien ukoll".*

madanakollu l-istess xhud ippreċiża li fl-aħħar sitta jew seba' snin ta' ħajjet Elisa Portelli ma kienx għadu f'kuntatt magħha u ma jiftakarx li mar għandha.

39. Hemm ukoll provi fis-sens li ġieli kien isir xi xogħol ta' *maintenance* fid-dar ta' Eliza Portelli da parti tan-neputijiet subien. Hekk pereżempju **Benigno sive Benny Vella** in kontroeżami[13] xehed li l-*maintenance* kienu jagħmluh hu u s-subien, iżda l-biċċa l-kbira hu. Mistoqsi x'irid ifisser b' "*maintenance*" qal:

> *"Il-maintenance: musmar jew biex tisprejjalha għan-nemel jew xi leakage fil-flushing."*

40. Fil-fatt Mary Jane Attard stess fil-kontro-eżami tagħha[14] mistoqsija jekk iz-zija kinitx iċċempel lil ħutha s-subien meta jkollha bżonn ta' *maintenance* fid-dar, wieġbet:

> *"Wieħed minnhom* (Benny Vella) *ġieli kienet tgħidlu forsi kien ikollha xi vit miksur, ġieli qaltli."*

41. Benigno *sive* Benny Vella xehed hekk[15] dwar qadjiet li kienu jsir lil

[12] Kontroeżami tas-26.10.2017, fol 126 *et seq* (Atti 37/2016)
[13] Kontroeżami tat-28.11.2017, fol 138 *et seq* (Atti 30/2015)
[14] Kontroeżami tat-30.05.2018, fol 235 *et seq* (Atti 37/2016)
[15] Kontroeżami tat-28.11.2017

Elisa Portelli:

> *"Ġieli ċemplet lill-mara tiegħi stess, ġieli marru huma, lil min kienet issib. Lill-mara tiegħi mhux l-ewwel darba li ċemplitilha biex twassalha tħallas xi kontijiet u anke tixtrilha xi laħam…"*

Mistoqsi dwar pilloli qal:

> *"Il-biċċa l-kbira Mary Jane. Aħna ġieli offrejnilha biex iġġib għax t' ommi ukoll kellha l-karta r-roża u biex tinqeda hi ukoll….imma qatt ma riedet….checkups l-isptar huma kienu jeħduha daqqa waħda u daqqa Catherine Formosa ukoll."*

Mistoqsi dwar il-quddies wieġeb:

> *"Kulħadd. Ġieli tellajtha, lilha u lil ommi…kienu jinqdew biz-zija Lisa biex iħallu lil ommi magħha għax kellha d-dimentia biex huma kienu jeħilsu miknn ommi għax konna nżommuha ġurnata jew ġimgħa kull wieħed allura kienu jħallu lil ommi magħha biex huma kienu jistgħu jeħislu minn ommi. Hi tant kienet sewwa kienet tieħu ħsiebha fil-quddies imbagħad xi ħadd imur jiġborhom. Ġieli ġbartha jien, ġieli ġabruha n-nies li joqgħodu ma' ġenbha, barranin, u ġieli ġabarha kulħadd. Huma ġieli ġabruha u kulħadd ġieli ġabarha."*

42. Fl-appell issir referenza wkoll għax-xhieda ta' Joseph Portelli[16] fejn xehed li:

> *"…għal snin twal jien kont immur inżur liz-zija Liza fir-residenza tagħha gix-Xewkija, Għawdex ta' spiss. Tal-inqas kont immur darba fil-ġimgħa…kont noħdilha miegħi affarijiet għall-borma…kont noħdihla wkoll l-inbid."*

u wkoll għax-xhieda ta' Alfred Cordina[17] (armel ta' waħda min-neputijiet ta' Elisa Portelli). Huwa qal li kien imur iżurha madwar sitta jew seba' darbiet fis-sena u li:

---

[16] Affidavit a fol 37,(Atti 37/2016)
[17] Affidavit a fol 43 (Atti 37/2016)

> *"Meta kont immur kont neħdilha xi flixkun inbid jew ftit pasti u noqgħod ftit ħdejha."*

43. Għalkemm ma jistax jiġi nnegat li effettivament kien hemm neputijiet li kienu jagħtu assistenza u għajnuniet żgħar u sporadiċi lil Elisa Portelli dan bl-ebda mod ma jfisser li Attard, Buhagiar, Sultana u Formosa għandhom jitpoġġew fl-istess keffa magħhom. Ċertament li dak li għamlu Attard, Buhagiar, Sultana u Formosa ma' zijithom Elisa Portelli b'tant rabta u konsistenza għal tant snin bl-ebda mod ma jista' jitqabbel mal-qadjiet każwali li kienu jagħmlu n-neputijiet l-oħra.

44. **Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti hija moralment konvinta li Elisa Portelli effettivament setgħet tgħix il-ħajja "<u>indipendenti</u>" li kienet tgħix proprju għaliex kienet <u>kompletament dipendenti</u> fuq l-aħwa (1) Mary Jane Attard, (2) Maria Buhagiar, (3) Joyce Sultana u (3) Catherine Formosa. Kienet id-dedikazzjoni kontinwa, affidabbli, konsistenti u paċenzjuża ta' dawn l-erbat aħwa li għamlitha possibbli għal Elisa Portelli li ma tispiċċax ġo dar tal-anzjani iżda li tkun paxxuta u moqdija bl-aħjar mod possibbli fil-kumdità ta' darha.**

45. *In oltre* jirriżulta li Elisa Portelli, li kienet iffissata fl-indafa, ma kinitx toqgħod lura milli tordna u tikkmanda lin-neputijiet tagħha sal-punt li ddejjaqhom, u adirittura tgħajjarhom talli jkunu insew jaqduha f'xi ħaġa partikolari; evidentement kienet persuna pjuttost egoċentrika b'*sense of entitlement* qawwi, li milli jidher mhux dejjem kienet tapprezza s-sagrifiċċji

kbar li l-imsemmija erba' neputijiet kienu jagħmlu magħha sabiex hija tkun moqdija bl-aħjar mod possibbli. Huwa fatt inkontestat li nies b'karattru bħal dak ta' Elisa Portelli jħallu impatt negattiv fuq il-*benessere* ta' dawk il-persuni li jkollhom x'jaqsmu magħhom fuq bażi frekwenti, u għalhekk fuq il-medda tas-snin li fihom l-erba' aħwa bniet irrendew is-serviġi, kuri u assistenzi lil Elisa Portelli, x'aktarx li eżawrew ruħhom mhux biss fiżikament iżda wkoll mentalment, u għalhekk *multo magis* jimmeritaw li jiġu dikjarati bħala l-eredi universali tagħha.

***<u>DECIDE</u>***

46. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-atturi Joseph Portelli, Emanuel Portelli, Victor Portelli, Alfred Cordina, Anthony Portelli, Saviour Portelli, Benigno *sive* Benny Vella, John Vella u Joyce Portelli u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

47. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss